



Brussell, 17 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10278/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0169(COD)**

ENV 575
SAN 301
CONSOM 185
AGRI 300
CODEC 1218

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	9909/19
Nru dok. Cion:	9498/18 + ADD 1 - COM(2018) 337 final - Annex
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-28 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposta leġislattiva tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma¹, l-hekk imsejjaħ Regolament dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma.
2. L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li tiġi indirizzata l-iskarsezza tal-ilma fl-UE kollha permezz tal-użu tal-ilma reklammat għat-tisqija agrikola. B'riżultat ta' dan, l-użu mill-ġdid tal-ilma jikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Fl-istess ħin, il-proposta tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent billi tistabbilixxi rekwiżiti minimi kemm għall-kwalità tal-ilma reklammat kif ukoll għall-monitoraġġ tal-konformità, flimkien mal-armonizzazzjoni tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju.

¹ 9498/18 + ADD 1 sa ADD 6.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-12 ta' Diċembru 2018². Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2018³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fit-12 ta' Frar 2019 (b'588 vot favur, 23 vot kontra u 66 astensjoni).

II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

5. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġislattiva tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fl-14 ta' Ġunju 2018. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-valutazzjoni tal-impatt u beda janalizza l-proposta.
6. Matul il-Presidenza Rumena sar progress sostanzjali fil-livell tal-esperti biex jikkonverġu l-fehmiet dwar l-iskop u l-applikazzjoni tar-Regolament, il-proċeduri li jippermettu l-użu mill-ġdid tal-ilma u l-ġestjoni tar-riskju kif ukoll dwar l-Anness I dwar l-użi u r-rekwiżiti minimi u l-Anness II, dwar elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju.
7. Fit-12 ta' Ġunju 2019, il-Presidenza ppreżentat lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti test ta' kompromess ġenerali dwar ir-Regolament dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma (9909/19) għal diskussjoni.

² NAT/723-EESC-2018-02925

³ ENVE-VI/034

8. Il-Presidenza tqis li t-test ta' kompromess ippreżentat lill-Coreper joħloq bilanċ delikat bejn l-interessi differenti. L-elementi ewlenin jikkonċernaw dan li ġej:
- L-Istati Membri li ma għandhomx il-ħsieb li jipprattikaw l-użu mill-ġdid tal-ilma għandhom il-possibbiltà li jiddeċiedu huma stess jekk u meta jqisuh xieraq li jibdew jagħmlu dan. B'riżultat ta' deċiżjoni bħal din, dawn l-Istati Membri jistgħu jżommu lura mill-obbligu li jistabbilixxu l-qafas amministrattiv li jippermetti l-użu mill-ġdid tal-ilma. Deċiżjoni bħal din trid tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni u ssir disponibbli għall-pubbliku.
 - Ir-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma reklamati stabbiliti fl-Anness I jippreservaw il-proposta tal-Kummissjoni. Dawn ir-rekwiżiti huma r-riżultat ta' diskussjonijiet fost l-esperti tal-Istati Membri fuq perijodu ta' 3 snin u huma bbażati fuq rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka mfassal fuq standards u prattiki rikonoxxuti internazzjonalment għall-użu mill-ġdid tal-ilma. L-esperti tekniċi jqisu li dawn ir-rekwiżiti minimi jipprovdu protezzjoni suffiċjenti tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent. Barra minn hekk, it-test ta' kompromess jipprevedi rieżami mill-Kummissjoni tar-rekwiżiti minimi.
 - L-użu mill-ġdid tal-ilma huwa permess biss abbażi ta' permess jew awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Is-sistema li tippermetti l-produzzjoni u l-provvista tal-ilma reklamati tipprevedi obbligi armonizzati ġenerali filwaqt li toffri biżżejjed flessibbiltà għall-Istati Membri biex jiddeterminaw id-dettalji tal-proċeduri għall-ġoti tal-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet fil-livell nazzjonali.

- Il-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma jikkostitwixxi l-bażi għall-permessi tal-produzzjoni u tal-provvista tal-ilma reklamati. L-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju jidentifika u jimmaniġġa r-riskji possibbli fir-rigward tal-ilma reklamati b'mod proattiv sabiex tiġi żgurata protezzjoni suffiċjenti tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent.
- L-obbligu li l-pubbliku jiġi infurmat dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma, kif ukoll l-obbligu li l-Kummissjoni tiġi infurmata dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni jibqa' jgħodd għall-Istati Membri fejn l-ilma reklamati jintuża għat-tisqija agrikola.
- Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament huwa stabbilit għal ħames snin wara d-dħul fis-seħħ. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri għandhom biżżejjed żmien biex jassumu l-obbligi tar-Regolament.

9. Id-diskussjonijiet fil-Coreper fit-12 ta' Ġunju 2019 urew li kien hemm appoġġ wiesa' biex jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill Ambjent fis-26 ta' Ġunju 2019. Madankollu, fit-talegazzjonijiet baqgħu tal-fehma li r-rekwiżiti minimi fl-Anness I għandhom ikunu aktar stretti u li għandhom jissaħħu d-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju. Fid-dawl tad-diskussjonijiet, il-Presidenza ressqet emendi ġodda fil-Coreper sabiex tinfina aktar it-test ta' kompromess:

- Kjarifika tar-rabta bejn id-dispożizzjoni ta' evalwazzjoni ġenerali tar-Regolament u r-rieżami tar-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma reklamati. It-test ta' kompromess emendat jipprevedi li l-Kummissjoni trid tkun wettqet l-evalwazzjoni tmien snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Barra minn hekk, abbażi tar-riżultati ta' din l-evalwazzjoni, jew kull meta għarfien tekniku u xjentifiku ġdid jitlob dan, il-Kummissjoni tista' teżamina l-ħtieġa li tirrieżamina r-rekwiżiti minimi u, fejn xieraq, għandha tagħmel proposti leġiżlattivi għal emendi skont it-Trattat. Dawn l-emendi huma riflessi fl-Artikolu 13 u l-premessa (15bis) u fit-tfassir tal-Artikolu 13bis.

- Speċifikazzjoni tal-proċedura fl-Artikolu 9 għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-użu mill-ġdid transfruntier tal-ilma urban mormi trattat.
- Ċarezza legali msaħħa dwar l-applikazzjoni ta' rekwiżiti aktar stretti f'każ li l-valutazzjoni turi riskju bit-tfassir tal-paragrafu fl-aħħar tal-punt a) fit-Taqsima 2 tal-Anness 1.

It-test ta' kompromess li jirriżulta mid-diskussjonijiet tal-Coreper jinsab fl-Anness għal din in-nota. Emendi għall-proposta tal-Kummissjoni huma indikati **b'tipa grassa** u [...] għat-tfassir.

III. KONKLUŻJONIJIET

9. Il-Kunsill huwa mistieden jeżamina t-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness għal din in-nota bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali.

Dan l-Approċċ ġenerali ser jikkostitwixxi l-mandat tal-Kunsill għal negozjati futuri mal-Parlament Ewropew.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni²,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

Billi:

- 1) Ir-riżorsi tal-ilma tal-Unjoni qed ikunu dejjem iktar taħt pressjoni, li qed iwassal għall-iskarsezza tal-ilma u d-deterjorament tal-kwalità. B'mod partikolari, it-tibdil fil-klima u n-nixfa qed jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-istrapazz fuq id-disponibbiltà tal-ilma hekk li qed jinħoloq mill-iżvilupp urban u l-agrikoltura.
- 2) Il-kapaċità tal-Unjoni li twieġeb għall-pressjoni li dejjem qed tiżdied fuq ir-riżorsi tal-ilma tista' tissaħħaħ permezz tal-użu mill-ġdid mifrux tal-ilma mormi trattat. Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ issemmi l-użu mill-ġdid tal-ilma bħala wieħed mill-miżuri supplimentari li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw sabiex jiksibu l-għanijiet tad-Direttiva għal status kwalitattiv u kwantitattiv tajjeb tal-ilma għall-ilmijiet tal-wiċċ u l-ilmijiet tal-pjan. Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE⁴ teħtieġ li l-ilma mormi trattat jiġi użat mill-ġdid kull meta jkun xieraq.
- 3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Blueprint għas-Salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa"⁵ enfasizzat l-użu mill-ġdid tal-ilma għal finijiet ta' tisqija jew dawk industrijali bħala opzjoni alternattiva għall-provvista tal-ilma li teħtieġ l-attenzjoni tal-Unjoni.

³ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

⁵ COM (2012) 673

- 4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Li tindirizza l-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u l-perijodi ta' nixfa fl-Unjoni Ewropea"⁶ tistabbilixxi l-ġerarkija ta' miżuri li l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu fil-ġestjoni tal-iskarsezza tal-ilma u l-perijodi ta' nixfa. Din issostni li r-regġuni fejn ġew implimentati l-miżuri preventivi kollha skont il-ġerarkija tal-ilma u fejn id-domanda tal-ilma tkun għadha ikbar milli jkun disponibbli, f'xi ċirkostanzi u meta titqies id-dimensjoni kost-benefiċċji, infrastruttura ta' provvista tal-ilma addizzjonali tista' sservi bħala approċċ alternattiv għall-mitigazzjoni tal-impatti ta' nixfa kbira.
- 4a) Il-Parlament Ewropew, fir Riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar l-indirizzar tal-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfa fl-Unjoni Ewropea⁷, ifakkar li, fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, jenħtieġ li tingħata preferenza lil approċċ min-naħa tad-domanda u jqis, madankollu, li l-Unjoni jenħtieġ li tadotta approċċ olistiku fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, billi tikkombina miżuri tal-ġestjoni tad-domanda, miżuri li jottimizzaw ir-riżorsi eżistenti fi ħdan iċ-ċiklu tal-ilma, u miżuri li jgħolqu riżorsi ġodda, u li l-approċċ jenħtieġ li jintegra kunsiderazzjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi.**
- 5) Fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal Ekonomija Ċirkolari⁸, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tieħu sensiela ta' azzjonijiet biex tippromwovi l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat, inkluż l-iżvilupp ta' proposta leġiżlattiva dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma.

⁶ COM(2007) 414

⁷ **2008/2074 (INI)**

⁸ COM(2015) 614

- 5a) **L-għan ta' dan l-istrument legali dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma huwa li jiffaċilita l-użu mill-ġdid tal-ilma kull meta jkun xieraq u kosteffiċjenti, u b'hekk jinħoloq qafas ta' abilitazzjoni għal dawk l-Istati Membri li jixtiequ jew jeħtieġu jipprattikaw l-użu mill-ġdid tal-ilma. L-użu mill-ġdid tal-ilma huwa opzjoni promettenti għal ħafna Stati Membri, iżda attwalment f'tit minnhom biss jipprattikaw l-użu mill-ġdid tal-ilma u adottaw leġislazzjoni jew standards nazzjonali f'dan ir-rigward. Dan l-istrument legali jenħtieġ li jkun flessibbli biżżejjed biex jippermetti l-kontinwazzjoni tal-użu mill-ġdid tal-ilma u fl-istess ħin jiżgura l-possibbiltà li Stati Membri oħra japplikaw dawn ir-regoli meta jiddeċiedu li jintroduċu din il-prattika fi stadju aktar tard.**
- 6) L-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat kif xieraq, pereżempju mill-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi jew l-installazzjonijiet industrijali, jitqies li għandu impatt ambjentali iktar baxx minn metodi ta' provvista tal-ilma alternattivi oħra, bħat-trasferimenti tal-ilma jew id-desalinizzazzjoni, iżda dan l-użu mill-ġdid iseħħ b'mod limitat ħafna fl-Unjoni. Dan jidher li hu minħabba n-nuqqas ta' standards ambjentali u tas-saħħa komuni fl-Unjoni għall-użu mill-ġdid tal-ilma, u b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti agrikoli, l-ostakli potenzjali għall-moviment liberu ta' dawn il-prodotti msoqqija bl-ilma reklamati.
- 7) L-istandards tas-saħħa marbuta mal-iġjene alimentari għall-prodotti agrikoli msoqqija bl-ilma reklamati jistgħu jinkisbu biss jekk ir-rekwiżiti tal-kwalità fl-Istati Membri għall-ilma reklamati maħsub għat-tisqija agrikola ma jkunux differenti ħafna minn xulxin. L-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ser tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern fir-rigward ta' dawn il-prodotti. Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi introdotta armonizzazzjoni minima billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-kwalità u l-monitoraġġ tal-ilma. Dawk ir-rekwiżiti minimi jenħtieġ li jkollhom parametri minimi għall-ilma reklamati u rekwiżiti tal-kwalità addizzjonali jew iktar stretti imposti, jekk meħtieġ, mill-awtoritajiet kompetenti flimkien ma' kwalunkwe miżura preventiva rilevanti. [...] Il-parametri huma bbażati fuq rapport tekniku taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni u jirriflettu l-istandards internazzjonali dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma.

- 7a) L-użu mill-ġdid tal-ilma għat-tisqija agrikola jista' jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari billi jiġu rkuprati nutrijenti mill-ilma reklamati u jiġu applikati għall-għelejjel, permezz ta' tekniki ta' fertigazzjoni. Għalhekk, l-użu mill-ġdid tal-ilma jista' potenzjalment inaqqs il-ħtieġa għal applikazzjonijiet supplimentari ta' fertilizzant minerali.**
- 7b) L-investimenti kbar meħtieġa għat-titjib tal-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi u n-nuqqas ta' inċentivi finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-użu mill-ġdid tal-ilma fl-agrikoltura ġew identifikati fost ir-raġunijiet għall-użu baxx tal-użu mill-ġdid tal-ilma fl-Ewropa. Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jingħelbu billi jiġu promossi skemi innovattivi u inċentivi ekonomiċi biex jiġu kkunsidrati b'mod xieraq l-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali tal-użu mill-ġdid tal-ilma.**
- (8) L-adeżjoni mar-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma jenħtieġ li jgħinu biex jappoġġaw il-kisba tal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-Għan 6, li jiġi żgurat l-aċċess għall-ilma u s-sanitazzjoni għal kulħadd, kif ukoll iż-żieda sostanzjali fir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid sikur tal-ilma globalment. Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 dwar il-protezzjoni tal-ambjent tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.**
- 8a) Hemm potenzjal kbir għar-riċiklaġġ u għall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat. Sabiex jitħeġġeġ ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid fil-livell nazzjonali, l-ilma mormi trattat jista' jintuża għal skopijiet oħra minbarra dawk stabbiliti minn dan ir-Regolament, kif meqjus meħtieġ skont il-karatteristiċi u l-ħtiġijiet nazzjonali. Għal dan il-għan, jistgħu jiġu adottati dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem minn dawn l-użi.**

- 9) Il-ġestjoni tar-riskju jenħtieġ li tinvolvi l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji b'mod proattiv u tinkorpora l-kunċett tal-produzzjoni ta' ilma reklammat ta' kwalità meħtieġa għal użi partikolari. Jenħtieġ li l-valutazzjoni tar-riskju tkun ibbażata fuq **elementi ta'** [...] ġestjoni tar-riskju u jenħtieġ li jiġi identifikat kwalunkwe rekwiżit addizzjonali għall-kwalità tal-ilma neċessarju biex tiġi żgurata biżżejjed protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali. **Għal dan il-għan, il-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju b'piż tal-użu mill-ġdid tal-ilma jenħtieġ li jiżguraw li l-ilma reklammat jintuża u jiġi ġestit b'mod sikur u ma jkunx hemm riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent. Sabiex jiġu żviluppati dawn il-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju, jistgħu jintużaw gwida jew standards internazzjonali eżistenti bħal-Linji gwida ISO 20426:2018 għall-valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa u l-ġestjoni għall-użu mill-ġdid tal-ilma mhux tajjeb għax-xorb, il-Linji gwida ISO 16075:2015 għall-użu tal-ilma mormi għal proġetti ta' tisqija jew il-linji gwida tad-WHO⁹. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-protezzjoni ta' korpi ta' ilma użati għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u/jew żoni ta' salvagwardja rilevanti [...].**
- 10) Sabiex jitħarsu b'mod effettiv [...] is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent, l-operaturi tal-faċilitajiet ta' reklamazzjoni jenħtieġ li jkunu primarjament responsabbli għall-kwalità tal-ilma reklammat sal-punt ta' konformità.

Għall-finijiet ta' konformità mar-rekwiżiti minimi u kwalunkwe kondizzjoni addizzjonali stabbiliti mill-awtorità kompetenti, l-operaturi tal-impjanti tar-reklamazzjoni jenħtieġ li jimmonitorjaw il-kwalità tal-ilma reklammat. Għaldaqstant, jixraq li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi għall-monitoraġġ li jikkonsistu fil-frekwenza ta' monitoraġġ tar-rutina, u l-iskedar u l-miri ta' prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-validazzjoni. Uħud mir-rekwiżiti għall-monitoraġġ tar-rutina huma speċifikati skont id-Direttiva 91/271/KEE.

⁹ https://www.who.int/water_sanitation_health/publications/gsuweg2/en/

- 10a) Ilma reklamat kopert mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jinkiseb minn ilma mormi li jkun inġabar f'sistemi ta' ġbir u li jkun ġie ttrattat f'impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi skont id-Direttiva 91/271/KEE u li jsegwi trattament ulterjuri (jew fl-impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi jew f'impjant tar-reklamazzjoni) biex jissodisfa l-parametri stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 91/271/KEE, l-agglomerazzjonijiet b'ekwivalenza ta' popolazzjoni (e.p.) ta' inqas minn 2000 ma għandhomx l-obbligu li jiġu pprovduti b'sistema ta' ġbir. Madankollu, l-ilma urban mormi minn agglomerazzjonijiet ta' inqas minn 2000 e.p. li jidħol [...] f'sistemi ta' ġbir jenħtieġ li jkun soġġett għal trattament xieraq qabel dan l-ilma mormi jintrema fl-ilma ħelu u fl-estwarji, skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 91/271/KEE. F'dan il-kuntest, l-ilma mormi minn agglomerazzjonijiet ta' inqas minn 2000 p.e. jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biss meta jidħol f'sistema ta' ġbir u huwa soġġett għal trattament f'impjant ta' trattament tal-ilma urban mormi. B'mod simili, dan ir-Regolament ma jqisx l-iskart industrijali bijodegradabbli minn impjanti li jappartjenu għas-setturi industrijali elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 91/271/KEE, sakemm l-ilma mormi minn dawn l-impjanti ma jidħolx f'sistema ta' ġbir u jkun soġġett għal trattament f'impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi.
- 10b) L-użu mill-ġdid tal-ilma urban mormi trattat għal tisqija agrikola huwa azzjoni mmexxija mis-suq, ibbażata fuq id-domanda u l-ħtiġijiet tas-settur agrikolu, b'mod partikolari f'ċerti Stati Membri li jiffaċċaw nuqqas ta' riżorsi tal-ilma. L-operaturi tal-impjanti tar-reklamazzjoni u l-utenti aħħarin jenħtieġ li jikkooperaw biex jiżguraw li l-kwalità tal-ilma reklamat prodott skont ir-rekwiżiti minimi stabbiliti b'dan ir-Regolament jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-utenti aħħarin fir-rigward tal-kategoriji ta' għelejjel. F'każijiet fejn il-klassijiet tal-kwalità tal-ilma prodotti mill-operaturi tal-impjant tar-reklamazzjoni ma jkunux kompatibbli mal-kategorija tal-għelejjel u l-metodu tat-tisqija diġà fis-seħħ fiż-żona moqdija (eż. f'sistema ta' provvista kollettiva), ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-ilma jistgħu jinkisbu bl-użu, fi stadju sussegwenti, ta' diversi opzjonijiet waħedhom ta' trattament tal-ilma jew flimkien ma' opzjonijiet oħra mhux ta' trattament tal-ilma reklamat, f'konformità mal-approċċ ta' diversi ostakli.

- 11) Huwa neċessarju li jiġi żgurat l-użu sikur tal-ilma reklamati, u b'hekk jithegġegħ l-użu mill-ġdid tal-ilma fil-livell tal-Unjoni u tissaħħaħ il-kunfidenza tal-pubbliku fih. [...] **Il-produzzjoni u l-provvista ta' ilma reklamati għat-tisqija agrikola** [...] jenħtieġ li jiġu permessi biss abbażi ta' permess **jew awtorizzazzjoni**, mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.
- Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat fil-livell tal-Unjoni, it-traċċabilità u t-trasparenza, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli sostantivi għal dak il-permess **jew awtorizzazzjoni** fil-livell tal-Unjoni. Madankollu, id-dettalji tal-proċeduri għall-ġoti ta' permessi **jew awtorizzazzjonijiet, bħall-awtoritajiet kompetenti u l-iskadenzi**, jenħtieġ li jiġu determinati mill-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi japplikaw il-proċeduri eżistenti għall-ġoti ta' permessi **jew awtorizzazzjonijiet** li jenħtieġ li jiġu adattati biex iqisu r-rekwiżiti introdotti minn dan ir-Regolament. **Meta jiddeżinjaw il-parti(jiet) jew l-awtorità (awtoritajiet) responsabbli għall-elaborazzjoni tal-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-ġdid tal-Ilma u l-awtorità kompetenti għall-ġoti tal-permess jew l-awtorizzazzjoni għall-produzzjoni u l-provvista tal-ilma reklamati, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interessi.**

- 12) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma komplementari għar-rekwiżiti ta' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli għas-saħħa u għall-ambjent. Għaldaqstant, sabiex jiġi żgurat approċċ olistiku biex jiġu indirizzati r-riskji possibbli għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent, l-operaturi tal-impjanti tar-reklamazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu r-rekwiżiti stabbiliti f'leġislazzjoni oħra rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttivi tal-Kunsill 86/278/KEE, 91/676/KEE¹⁰ u 98/83/KE¹¹, id-Direttivi 91/271/KEE u 2000/60/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002¹², (KE) Nru 852/2004¹³, (KE) Nru 183/2005¹⁴, (KE) Nru 396/2005¹⁵ u (KE) 1069/2009¹⁶ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2006/7/KE¹⁷, 2006/118/KE¹⁸, 2008/105/KE¹⁹ u 2011/92/UE²⁰ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005²¹, (KE) Nru 1881/2006²² u (KE) 142/2011²³.

¹⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1-8).

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

¹³ Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

¹⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-ġhalf (ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1).

¹⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1)

¹⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1)

¹⁷ Id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37)

¹⁸ Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

¹⁹ Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

²⁰ Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

²¹ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338 22.12.2005, p.1) [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

²² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5)

- 13) Ir-Regolament (KE) 852/2004 jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-operaturi fin-negozju tal-ikel u jkopri l-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem. Dak ir-Regolament jindirizza l-kwalità tas-saħħa tal-ikel u wieħed mill-prinċipji ewlenin tiegħu hu li l-operatur fin-negozju tal-ikel għandu r-responsabbiltà ewlenija għas-sigurtà tal-ikel. Dak ir-Regolament huwa wkoll soġġett għal gwida dettaljata, b'rilevanza partikolari għall-Avviż tal-Kummissjoni dwar dokument ta' gwida dwar kif għandhom jiġu indirizzati r-riskji mikrobijoloġiċi fil-frott u l-ħaxix frisk fil-produzzjoni primarja permezz ta' iġjene tajba (2017/C163/01). [...] Ir-**rekwiżiti minimi** għall-ilma reklammat stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jwaqqfux lill-operaturi fin-negozju tal-ikel milli jiksbu l-kwalità tal-ilma meħtieġa li tikkonforma mar-Regolament 852/2004 billi fi stadju sussegwenti jużaw diversi opzjonijiet għat-trattament tal-ilma individwalment jew flimkien ma' opzjonijiet oħra li ma jittrattawx l-ilma.
- 14) Sabiex titħeġġeġ il-kunfidenza fl-użu mill-ġdid tal-ilma, jenħtieġ li tingħata informazzjoni lill-pubbliku. Id-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma jenħtieġ li tippermetti żieda fit-trasparenza u t-traċċabbiltà, u tista' tkun ukoll ta' interess partikolari għal awtoritajiet rilevanti oħra affettwati mill-użu mill-ġdid tal-ilma speċifiku.

²³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont it-Test ta' dik id-Direttiva b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1)

15) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ għandha l-għan li tiggarantixxi d-dritt tal-aċċess għal informazzjoni ambjentali fl-Istati Membri f'konformità mal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ²⁵ (Il-Konvenzjoni ta' Aarhus). Id-Direttiva 2003/4/KE tistabbilixxi obbligi estensivi marbuta mad-disponibbiltà tal-informazzjoni ambjentali fuq talba, kif ukoll mad-disseminazzjoni b'mod attiv ta' dik l-informazzjoni. Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ tkopri l-kondiviżjoni tal-informazzjoni ġeografika, inkluż settijiet ta' data dwar suġġetti ambjentali differenti. Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament marbuta mal-aċċess għall-informazzjoni u l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tas-settijiet tad-data jkunu komplementari ma' dawk id-Direttivi u ma johlqux reġim legali separat. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-informazzjoni lill-pubbliku u dwar l-informazzjoni fir-rigward tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE.

15 bis) Ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid sikur tal-ilma urban mormi trattat jirriflettu l-għarfien xjentifiku disponibbli u l-istandards u l-prattiki rikonoxxuti internazzjonalment għall-użu mill-ġdid tal-ilma u jiggarantixxu li ilma bħal dan jista' jintuża b'mod sikur għat-tisqija agrikola, biex b'hekk jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent. Fid-dawl tar-riżultati tal-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament jew kull meta l-iżviluppi xjentifiċi ġodda u l-progress tekniku jitolbu dan, il-Kummissjoni tista' teżamina l-ħtieġa li tirrieżamina r-rekwiżiti minimi stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I u, fejn xieraq, jenħtieġ li tagħmel proposti leġislattivi għal emendi skont it-Trattat.

²⁴ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

²⁵ ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4.

²⁶ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

- 16) Sabiex jiġu adattati [...] **l-elementi** ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju [...] għall-progress xjentifiku u tekniku, jenħtieġ li s-setgħa biex jiġu adottati l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda [...] **l-elementi** ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju [...] . [...] Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-fażi tal-ħidma ta' tħejjija, inkluż fil-livell tal-esperti u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet²⁷. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkun qad jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- 17) Sabiex jiġu żgurati l-kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti s-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-adozzjoni tar-regoli dettaljati [...] fir-rigward tal-format u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li trid tingħata mill-Istati Membri, u fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni mfassla mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Daww is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸.

²⁷ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

²⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- 18) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw il-konformità tal-ilma reklamat mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess **jew l-awtorizzazzjoni**. F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità, jenħtieġ li l-**parti(jiet) jew l-awtorità (awtoritajiet) responsabbli** [...] jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tiġi żgurata l-konformità. [...] [...]Il-provvista tal-ilma reklamat **jenħtieġ li tiġi sospiża** meta n-nonkonformità tikkawża riskju sinifikanti għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem.
- 19) Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tikkoopera ma' awtoritajiet rilevanti oħra billi tiskambja l-informazzjoni, sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni u daww nazzjonali.
- 20) Id-data mogħtija mill-Istati Membri hija essenzjali sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja u tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġislazzjoni fir-rigward tal-għanijiet li jridu jintlaħqu.
- 21) Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-ħames kriterji tal-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE u jenħtieġ li ttipprovdi l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri ulterjuri possibbli.
- 22) [...]
- 23) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistipulaw ir-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

- 24) Peress li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-protezzjoni [...] tas-saħħa tal-bniedem u **tal-annimali u tal-ambjent**, ma jistgħux jinkisbu għal kollox mill-Istati Membri, iżda minħabba raġunijiet ta' skala u effetti tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropa. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.
- 25) Huwa neċessarju li jingħata biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-infrastruttura amministrattiva neċessarja għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll biex l-operaturi jippreparaw għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda.
- 25a) Id-Direttiva 2000/60/KE ttiprovdi lill-Istati Membri bil-flessibbiltà neċessarja biex jinkludu miżuri supplementari fil-programmi ta' miżuri adottati biex jappoġġaw l-isforzi tagħhom biex jiksibu l-oġġettivi ta' kwalità tal-ilma kif stabbiliti b'din id-Direttiva. Il-lista mhux esklużiva ta' miżuri supplimentari previsti fl-Anness VI Parti B tad-Direttiva 2000/60/KEE tinkludi, fost l-oħrajn, miżuri għall-użu mill-ġdid tal-ilma. F'dan il-kuntest u f'konformità mal-ġerarkija ta' miżuri li jistgħu jitqiesu mill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-iskarsezza tal-ilma u l-perijodi ta' nixfa u li tinkoraġġixxi b'miżuri ta' prijorità mill-politika tal-iffrankar tal-ilma sal-ipprezzar tal-ilma u soluzzjonijiet alternattivi, u b'kont meħud dovut tad-dimensjoni kost-benefiċċji, ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma, kif stabbiliti b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu applikabbli kull meta ilma urban mormi trattat minn impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi jiġi użu mill-ġdid, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, għat-tisqija agrikola.**

Artikolu 1

Suġġett u għan

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma u l-monitoraġġ u l-obbligu li titwettaq [...] ġestjoni tar-riskju [...] **speċifika** [...] , għall-użu mill-ġdid sikur tal-ilma urban mormi trattat fil-kuntest tal-ġestjoni tal-ilma integrata.
2. L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jiġi garantit li l-ilma reklamati ikun sikur [...] għat-**tisqija agrikola**, sabiex b'hekk jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent, **filwaqt li jiġu promossi l-ekonomija ċirkolari u l-appoġġ għall-adattament għat-tibdil fil-klima**, li jindirizza l-iskarsezza tal-ilma u l-pressjoni li tirriżulta fuq ir-riżorsi tal-ilma b'mod koordinat madwar l-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika [...] **kull meta l-ilma urban mormi trattat jiġi użat mill-ġdid, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 91/271/KE, għat-tisqija agrikola kif speċifikat fit-taqsima 1 tal-Anness I.**
2. **Stat Membru jista' jiddeċiedi li mhuwiex xieraq li l-ilma urban mormi trattat jiġi użat mill-ġdid għat-tisqija agrikola f'partijiet tat-territorju tiegħu jew fit-territorju kollu, filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi tiegħu, inkluż l-istatus kwantitattiv tal-ilma ta' taħt l-art kif imsemmi fid-Direttiva 2000/60/KE, l-ilma tal-wieċ , l-effetti soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-użu mill-ġdid u soluzzjonijiet oħra xierqa biex jittrattaw l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa.**

Din id-deċiżjoni għandha tkun ibbażata fuq wieħed jew aktar mill-kriterji msemmija fl-ewwel subparagrafu u għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni.

L-Istat Membru għandu jirrieżamina din id-deċiżjoni kif meħtieġ, b'mod partikolari billi jqis il-ħtieġa li jkun hemm adattament għat-tibdil fil-klima.

- 2a. Permezz ta' deroga, ma jeħtieġx li proġetti ta' riċerka marbuta ma' impjanti ta' reklamazzjoni jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament f'każ li l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li l-kriterji li ġejjin huma sodisfatti:**
- a) il-proġett ta' riċerka ma jitwettaqx f'korp ta' ilma użat għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u/jew żoni ta' salvagwardja rilevanti deżinjat skont id-Direttiva 2000/60;**
 - b) il-proġett ta' riċerka jkun soġġett għal monitoraġġ xieraq.**

Kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont dan il-paragrafu għandha tkun limitata għal perijodu massimu ta' 5 snin. L-għelejjel kollha li jirriżultaw minn proġett ta' riċerka eżentat skont dan il-paragrafu ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.

- 3. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolament 852/2004 u ma jipprekludix lill-operaturi tan-negozju tal-ikel milli jiksbu l-kwalità tal-ilma meħtieġa biex jikkonformaw mar-Regolament 852/2004 li japplika fi stadju sussegwenti diversi opzjonijiet ta' trattament tal-ilma waħedhom jew flimkien ma' opzjonijiet oħra li ma jittrattawx l-ilma jew milli jużaw sorsi alternattivi oħra tal-ilma għat-tisqija agrikola.**

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. *"awtorità (awtoritajiet) kompetenti"* tfisser awtorità (**awtoritajiet**) jew korp(i) deżinjati minn Stat Membru biex iwettqu obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament **rigward l-għoti tal-permess jew l-awtorizzazzjoni għall-produzzjoni u/jew il-provvista ta' ilma reklamati u l-verifika tal-konformità, kif ukoll rigward l-għoti ta' deroga għal proġetti ta' riċerka;**
2. [...]
3. *"utent aħħari"* tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tuża l-ilma reklamati;
4. *"ilma urban mormi"* tfisser ilma urban mormi kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 91/271/KEE;
5. *"ilma reklamati"* tfisser ilma urban mormi li ġie trattat f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 91/271/KEE u li jirriżulta minn trattament ulterjuri f'impjant tar-reklamazzjoni **f'konformità mat-taqsima 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament;**
6. *"impjant tar-reklamazzjoni"* tfisser impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi jew impjant ieħor li jittratta ulterjorment l-ilma urban mormi f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 91/271/KEE sabiex jiġi prodott ilma li huwa tajjeb għal użu speċifikat fit-taqsima 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
7. *"operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni"* tfisser persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla impjant tar-reklamazzjoni;
8. *"periklu"* tfisser aġent bijoloġiku, kimiku, fiżiku jew radjoloġiku li għandu l-potenzjal li jikkawża dannu lill-bnedmin, lill-annimali, lill-għelejjel jew lill-pjanti, lil bijota terrestri u lil bijoti akkwatiċi oħra, lill-ħamrija jew lill-ambjent ġenerali;

9. *"riskju"* tfisser il-probabbiltà ta' perikli identifikati li jikkawżaw dannu f'medda ta' żmien speċifiku, inkluż is-severità tal-konsegwenzi;
10. *"ġestjoni tar-riskju"* hija ġestjoni sistematika li b'mod konsistenti tiżgura s-sikurezza tal-użu mill-ġdid tal-ilma f'kuntest speċifiku;
11. *"miżura preventiva"* tfisser kwalunkwe azzjoni jew attività li tista' tintuża għall-prevenzjoni jew l-eliminazzjoni ta' riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, jew tnaqqsu għal livell aċċettabbli;
12. *"punt ta' konformità"* tfisser l-iżbokk tal-impjant tar-reklamazzjoni sakemm ma jkunx iddefinit mill-awtorità kompetenti f'punt aktar tard fejn l-ilma reklammat jiġi kkonsenjat mill-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni lill-attur li jmiss fil-katina;
13. *"ostaklu"* huwa kwalunkwe mezz, inkluż passi fiżiċi jew ta' proċess jew kondizzjoni tal-użu, li jnaqqas jew jipprevjeni r-riskju ta' infezzjoni tal-bniedem billi jiġi pprevenut il-kuntatt tal-ilma reklammat mal-prodott li nbela' u l-persuni direttament esposti, jew mezz ieħor li, pereżempju, inaqqs il-konċentrazzjoni tal-mikroorganiżmi fl-ilma reklammat jew li jipprevjeni s-sopravivenza tagħhom fuq il-prodott li nbela';
14. *"permess jew awtorizzazzjoni"* tfisser approvazzjoni bil-miktub maħruġa mill-awtorità kompetenti għall-produzzjoni u/jew il-provvista ta' ilma reklammat għat-tisqija agrikola skont dan ir-Regolament;
15. *"parti(jiet) jew awtorità (awtoritajiet) responsabbli"* tfisser parti(jiet) jew awtorità (awtoritajiet), differenti mill-awtorità (awtoritajiet) kompetenti, li twettaq/jwettqu l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament;
16. *"sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma"* tfisser il-grupp ta' infrastrutturi u elementi tekniċi oħra meħtieġa għall-produzzjoni, il-provvista u l-użu tal-ilma reklammat. Din tinkludi l-elementi kollha mill-bokka tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi sal-punt(i) fejn l-ilma reklammat jiġi applikat għat-tisqija agrikola.

Obbligi [...] fir-rigward [...] tal-kwalità tal-ilma reklamata

1. L-operaturi tal-impjanti tar-reklamazzjoni għandhom jiżguraw li l-ilma reklamata iddestinat għat- [...] **tisqija agrikola kif** speċifikat fit-taqsimi 1 tal-Anness I, [...] fil-punt ta' konformità [...], għandu jkun konformi ma' dan li ġej:
 - a) ir-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma stipulati fit-Taqsimi 2 tal-Anness I;
 - b) kwalunkwe kondizzjoni addizzjonali stabbilita mill-awtorità kompetenti fil-permess **jew l-awtorizzazzjoni** rilevanti skont il-punti ([...] c) u ([...] d) tal-Artikolu [...] 6(3), fir-rigward tal-kwalità tal-ilma.

L-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni ma għandux ikun responsabbli għall-kwalità tal-ilma reklamata wara l-punt ta' konformità.

2. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni għandu jimmonitorja l-kwalità tal-ilma skont dan li ġej:
 - a) it-taqsimi 2 tal-Anness I;
 - b) kwalunkwe kondizzjoni addizzjonali stabbilita mill-awtorità kompetenti fil-permess **jew awtorizzazzjoni** rilevanti skont il-punti ([...] c) u ([...] d) tal-Artikolu [...] 6(3), fir-rigward tal-monitoraġġ.

3. [...]

3. **Ir-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fit-taqsimi 2 tal-Anness I jistgħu jiġu akkompanjati minn ostakli addizzjonali fis-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma biex jiġi ggarantit li l-ilma jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità fil-punt tal-użu aħħari skont ir-Regolament 852/2004.**

Ġestjoni tar-riskju

1. [...]
2. [...] **Għall-fini tal-produzzjoni, il-provvista u l-użu ta' ilma reklammat, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jiġi stabbilit Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, abbażi ta' elementi ewlenin ta' ġestjoni tar-riskju [...] stabbiliti fl-Anness II. Il-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma jista' jkopri sistema waħda jew aktar ta' użu mill-ġdid tal-ilma.**

Il-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma **għandu jidentifika r-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tar-riskju , għandu jidentifika riskji u perikli potenzjali u l-miżuri preventivi xierqa u/jew korrettivi possibbli u għandu jipproponi kwalunkwe rekwiżit addizzjonali għal dawk speċifikati fl-Anness I meħtieġa biex itaffu ulterjorment kwalunkwe riskju [...] qabel il-punt ta' konformità.**

3. **Il-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma jista' jidentifika wkoll kwalunkwe rekwiżit addizzjonali għal dawk speċifikati fl-Anness I wara l-punt ta' konformità u l-parti(jiet) responsabbli li jwettquhom.**

Il-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma jista' jidentifika wkoll l-ostakli addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 4(3), inkluż il-kondizzjonijiet relatati mal-ħżin, id-distribuzzjoni u l-użu.

4. Il-Kummissjoni ingħatat is-setgħa, skont l-Artikolu 14, li tadotta atti delegati li jemendaw dan ir-Regolament sabiex **l-elementi** [...] ewlenin ta' ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness II jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku.

[...] .

5. **Il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tistabbilixxi linji gwida biex tappoġġa l-elaborazzjoni ta' Pjanijiet ta' Ġestjoni tar-Riskji għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma fi żmien sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.**

Artikolu 6

[...] Obbligi rigward il-permess jew l-awtorizzazzjoni għall-ilma reklamati

1. [...] **Kwalunkwe produzzjoni jew provvista ta' ilma reklamati iddestinat għat- [...] tisqija agrikola kif** speċifikat fit-taqsima 1 tal-Anness I, għandha tkun soġġetta għal permess **jew awtorizzazzjoni**.
2. [...] **Il parti(jiet) jew l-awtorità (awtoritajiet) responsabbli għall-ilma reklamati** għandhom [...] **japplikaw** għall-permess **jew l-awtorizzazzjoni** imsemmija fil-paragrafu 1, jew għal modifika ta' permess **jew awtorizzazzjoni** eżistenti lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jopera l-impjant tar-reklamazzjoni jew fejn hu ppjanat li jopera.
3. [...] **Il-permess jew l-awtorizzazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma u** għandha tinkludi, **fost l-oħrajn**, dawn li ġejjin:
 - a) [...]
 - b) [...]

- c) [...]
- a) **il-klassi(jiet) tal-kwalità tal-ilma reklamati u l-użu jew l-użi agrikoli permessi għalihom, skont l-Anness I, l-ilma reklamati huwa permess jew awtorizzat, il-post tal-użu, l-impjant jew l-impjanti tar-reklamazzjoni u l-volum annwali stmati tal-ilma reklamati li għandu jiġi prodott;**
- b) **il-kondizzjonijiet marbuta mar-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma u għall-monitoraġġ stipulati fit-taqsima 2 tal-Anness I;**
- c) **il-kondizzjonijiet marbuta mar-rekwiżiti addizzjonali proposti fil-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma;**
- d) **kwalunkwe kondizzjoni oħra meħtieġa għall-mitigazzjoni ulterjuri ta' kwalunkwe riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali jew għall-ambjent;**
- e) **il-perijodu ta' validità.**

Artikolu 7[...]

[...]

1. [...] [...] [...]

2. [...]
3. [...]
4. Il-permess **jew l-awtorizzazzjoni** għandha tiġi rieżaminata regolarment u [...] , jekk meħtieġ, **b'mod partikolari f'każ ta' bidla sostanzjali tal-kapaċità jew tal-proċess teknoloġiku tal-impjant tar-reklamazzjoni.**
5. **L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-ħżin, id-distribuzzjoni u l-użu tal-ilma reklamati għandhom ikunu soġġetti għal permess jew awtorizzazzjoni speċifika biex jiġu applikati r-rekwiżiti u l-ostakli addizzjonali identifikati fil-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3).**

Artikolu 8

Kontroll tal-konformità

1. Fl-istadju ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-ilma reklamata mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess **jew l-awtorizzazzjoni**. Il-kontroll tal-konformità għandu jitwettaq permezz tal-mezzi li ġejjin:
 - a) verifiki fuq il-post;
 - b) l-użu tad-data ta' monitoraġġ miksuba **b'mod partikolari** skont dan ir-Regolament u, **jekk mehtiegħ**, id-Direttiva [...] 91/271/KEE [...];
 - c) **jew** kwalunkwe mezz ieħor xieraq.
2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità **mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess jew l-awtorizzazzjoni**, l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ li [...] il-**parti(jiet) jew awtorità (awtoritajiet) responsabbli** jieħdu kwalunkwe miżura neċessarja biex jerġa' jkun hemm konformità mingħajr dewmien.
3. Meta n-nuqqas ta' konformità toħloq riskju sinifikanti għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, [...] il-**parti(jiet) jew l-awtorità (awtoritajiet) responsabbli** għandhom [...] jissospendu [...] **l-użu** tal-ilma reklamata sakemm l-awtorità kompetenti tiddetermina li reġgħet ġiet stabbilita l-konformità.
4. Jekk ikun hemm inċident li jaffettwa l-konformità mal-kondizzjonijiet tal-permess **jew l-awtorizzazzjoni**, [...] il-**parti(jiet) jew l-awtorità (awtoritajiet) responsabbli** għandhom [...] jinfurmaw lill-awtorità kompetenti u [...] lil **partijiet oħrali** jistgħu jkunu potenzjalment milquta, u jikkomunikaw l-informazzjoni meħtieġa lill-awtorità kompetenti għall-valutazzjoni tal-impatti ta' inċident bħal dan.

Artikolu 9

Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri

1. **Meta l-użu mill-ġdid tal-ilma huwa ta' rilevanza transkonfinali**, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw punt ta' kuntatt **jew għandhom jużaw strutturi eżistenti li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali** biex jikkooperaw kif xieraq mal-punti ta' kuntatt u l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra. Ir-rwol tal-punti ta' kuntatt **jew l-istrutturi eżistenti** għandu jkun li jagħtu assistenza fuq talba u jikkoordinaw l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. **L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(3) mal-punt ta' kuntatt fl-Istat Membru li fih ikun maħsub li jintuża l-ilma reklamati, qabel ma jagħtu l-permess jew l-awtorizzazzjoni.** B'mod partikolari, il-punti ta' kuntatt għandhom jirċievu u jibagħtu t-talbiet għall-assistenza.
2. L-Istati Membri għandhom iwieġbu t-talbiet għall-assistenza mingħajr dewmien.

Artikolu 10

Informazzjoni għall-pubbliku

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE, l-Istati Membri **fejn l-ilma reklamati jintuża għat-tisqija agrikola kif speċifikat fit-taqsimha 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament**, għandhom jiżguraw li informazzjoni adegwata u aġġornata dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma tkun disponibbli online **jew permezz ta' mezzi oħra** għall-pubbliku. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:
 - a) il-kwantità u l-kwalità tal-ilma reklamati pprovdut f'konformità ma' dan ir-Regolament;
 - b) [...]

c b) il-permessi **jew l-awtorizzazzjonijiet** mogħtija jew emendati skont dan ir-Regolament, inkluż il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu [...] **6(3)**;

[...] c) l-eżitu tal-kontroll tal-konformità mwettaq skont l-Artikolu 8(1);

[...] d) il-punti ta' kuntatt iddeżinjati skont l-Artikolu 9(1).

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun aġġornata [...] **kull sentejn**.

3. [...]

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 2(2) tkun disponibbli għall-pubbliku online jew b'mezzi oħra.

Artikolu 11

Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE, [...] l-Istati Membri **fejn l-ilma reklamat huwa użat għat-tisqija agrikola kif speċifikat fit-taqsimha 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament**, bl-għajjnuna tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandhom:

a) [[...] **tmien** snin wara d-data mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u wara dan, jaġġornaw kull sitt snin, is-sett ta' data li jkun fih l-informazzjoni dwar l-eżitu tal-kontroll tal-konformità mwettaq skont l-Artikolu 8(1) u informazzjoni oħra li trid tkun disponibbli online għall-pubbliku skont l-Artikolu 10;

- b) jistabbilixxu, jippubblikaw u jaġġornaw kull sena wara dan, is-sett ta' data li fih l-informazzjoni dwar il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità bil-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess **jew l-awtorizzazzjoni**, miġbura skont l-Artikolu 8(1), u l-informazzjoni dwar il-miżuri li ttieħdu skont l-Artikolu 8(2) u (3).
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ikollhom aċċess għas-settijiet ta' data msemmija fil-paragrafu 1.
3. Abbażi tad-data msemmija fil-paragrafu 1, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, **f'konsultazzjoni mal-Istati Membri**, għandha tfassal, tippubblika taġġorna regolarment jew fuq talba mill-Kummissjoni, ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni li kif xieraq, għandha tinkludi l-indikaturi għall-outputs, ir-riżultati u l-impatti ta' dan ir-Regolament, il-mapep u r-rapporti tal-Istati Membri.
4. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi regoli dettaljati fir-rigward tal-ġamla u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li trid tingħata skont il-paragrafu 1, kif ukoll ir-regoli dettaljati fir-rigward tal-format u l-preżentazzjoni tal-ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni msemmija fil-paragrafu 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15.

Artikolu 12 [...]

Artikolu 13

Evalwazzjoni u rieżami

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni ta' dan ir-Regolament sa ... [...] **tmien** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq mill-inqas l-elementi li ġejjin:
 - a) l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;
 - b) is-settijiet ta' data mwaqqfa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11(1) u l-ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni mfassla mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent skont l-Artikolu 11(3);
 - c) data xjentifika, analitika u epidemjoloġika rilevanti;
 - d) għarfien tekniku u xjentifiku;
 - e) rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, fejn disponibbli **jew gwida internazzjonali oħra jew standards ISO oħrajn**.

2. Fil-kuntest tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-aspetti li ġejjin:
- a) ir-rekwiżiti minimi stipulati fl-Anness I;
 - b) **l-elementi** [...] ewlenin għall-ġestjoni tar-riskju stipulati fl-Anness II;
 - c) ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti skont il-punti (b) u (c) tal-Artikolu [...] **6(3)**;
 - d) l-impatti tal-użu mill-ġdid tal-ilma fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem **u tal-annimali**.
3. **Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew kull meta għarfien tekniku u xjentifiku ġdid jitlob dan, il-Kummissjoni tista' teżamina l-ħtieġa li tirrieżamina r-rekwiżiti minimi u stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I u, fejn xieraq, għandha tagħmel proposti leġislattivi għal emendi skont it-Trattat.**

Artikolu 14

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati ġiet konferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-[...] Artikolu 5([...]) **4)** għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal [...] perijodu ta' [...] **ħames snin** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.**
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-[...] Artikolu 5([...] **4)** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti magħżula minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-[...] Artikolu 5([...] 4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn ta' notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 15

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meħjuna mill-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2000/60/KE. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-Kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 16

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali stipulati jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom, sa ... [...] **ħames** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn ... [...] **ħames** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

UŻI U REKWIŻITI MINIMI

Taqsim 1.Użi tal-ilma reklamati kif imsemmi fl-Artikolu 2

a) Tisqija agrikola

Tisqija agrikola tfisser it-tisqija tat-tipi ta' għelejjel li ġejjin:

- għelejjel tal-ikel ikkonsmati nejjin, jiġifieri għelejjel maħsuba għall-konsum mill-bniedem biex jittieklul nejjin jew mhux ipproċessati;
- għelejjel tal-ikel ipproċessati, jiġifieri maħsuba għall-konsum mill-bniedem li ma jridux jittieklul nejjin iżda jittieklul wara proċess ta' trattament (jiġifieri, imsajrin, proċessati industrijalment);
- għelejjel mhux tal-ikel, jiġifieri għelejjel mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem (jiġifieri għelejjel tal-bur, tal-foraġġ, tal-fibra, ornamentali, taż-żerriegħa, tal-enerġija u tat-terf).

Taqsim 2.Rekwiżiti minimi

2.1. Rekwiżiti minimi applikabbli għall-ilma reklamati destinati biex jintużaw għat-tisqija agrikola

Il-klassijiet tal-kwalità tal-ilma reklamati u l-użi u l-metodi ta' tisqija permessi għal kull klassi huma stabbiliti fit-Tabella 1. Ir-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma huma stabbiliti fil-punt (a), Tabella 2. Il-frekwenzi minimi u l-miri ta' prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-ilma reklamati huma stabbiliti fil-punt (b), Tabella 3 (monitoraġġ tar-rutina) u fit-Tabella 4 (monitoraġġ tal-validazzjoni).

Il-kategoriji tal-għelejjel għandhom jissaqquw bl-ilma reklamati tal-klassi tal-kwalità minima tal-ilma reklamati korrispondenti kif stipulati fit-Tabella 1 ta' hawn taħt, sakemm ma jiġux applikati ostakli addizzjonali xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 4(3), li jirriżultaw fil-kisba tar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fit-Tabella 2. Ostakli addizzjonali bħal dawn jistgħu jkunu bbażati fuq il-lista indikattiva ta' miżuri preventivi msemmija fil-punt 6 tal-Anness II jew fi kwalunkwe standard nazzjonali jew internazzjonali ekwivalenti ieħor, eż. l-istandard ISO 16075-2.

Tabella 1 Klassijiet tal-kwalità tal-ilma reklamati u l-użu agrikolu u l-metodu ta' tisqija permessi

Klassi tal-kwalità minima tal-ilma reklamati	Kategorija tal-għalla	Metodu ta' tisqija
A	L-għelejjel tal-ikel kollha, inkluż l-għelejjel bl-għeruq, ikkonsmati nejjin u l-għelejjel tal-ikel fejn il-parti li tittiekel tinsab f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati	Metodi kollha ta' tisqija
B	L-għelejjel tal-ikel ikkonsmati nejjin fejn il-parti li tittiekel hija prodotta fuq l-art u mhijiex f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati, l-għelejjel tal-ikel ipproċessati u l-għelejjel mhux tal-ikel inkluż l-għelejjel biex jingħalfu annimali li jipproduċu l-ħalib jew il-laħam	Metodi kollha ta' tisqija
C	L-għelejjel tal-ikel ikkonsmati nejjin fejn il-parti li tittiekel hija prodotta fuq l-art u mhijiex f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati, l-għelejjel tal-ikel ipproċessati u l-għelejjel mhux tal-ikel inkluż l-għelejjel biex jingħalfu annimali li jipproduċu l-ħalib jew il-laħam	Tisqija bil-qatra * [...] jew metodu ieħor ta' tisqija li jevita kuntatt dirett mal-parti tal-għelejjel li tittiekel
D	L-għelejjel industrijali, enerġetiċi u li jinżerġu	Metodi kollha ta' tisqija**

(*) It-tisqija bil-qatra hija sistema ta' mikrotisqija li kapaċi twassal qtar tal-ilma jew flussi żgħar ħafna lill-pjanti u tinvolvi t-taqitir tal-ilma fil-ħamrija jew direttament taħt is-superfiċe tagħha b'rati baxxi ħafna (2-20 litru/siegħa) minn sistema ta' pajpijiet tal-plastik b'dijametru żgħir imwawhlin bi żbukkijiet imsejħa emittenti jew qattara.

(**) F'każijiet ta' metodi ta' tisqija li jimitaw ix-xita, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema jew ta' dawk li jkunu fil-qrib. Għal dan il-għan għandhom jiġu applikati miżuri preventivi xierqa.

a) Rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma

Tabella 2 Rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma reklamati [...] għat-tisqija agrikola

Klassi tal-kwalità tal-ilma reklamati	Mira indikattiva tat-teknoloġija	Rekwiżiti ta' kwalità				
		<i>E. coli</i> [...] numru/ 100 ml)	BOD ₅ (mg/l)	TSS (mg/l)	Turbidità (NTU)	Oħrajn
A	Trattament sekondarju, filtrazzjoni u dizinfekzzjoni	≤10 [...]	≤10	≤10	≤5	<i>Legionella</i> spp.: <1,000 cfu/l fejn hemm riskju ta' aerosolizzazzjoni [...] Nematodi intestinali (bajd tal-elmindi): ≤1 bajda/l għat-tisqija tal-bwar jew l-foraġġ
B	Trattament sekondarju u dizinfekzzjoni	≤100	Skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE ²⁹ ((Anness I, Tabella 1)	Skont id-Direttiva 91/271/KEE	-	
C	Trattament sekondarju u dizinfekzzjoni	≤1,000		((Anness I, Tabella 1)	-	
D	Trattament sekondarju u dizinfekzzjoni	≤10,000			-	

L-ilma reklamati ser jittqies li jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 2 jekk il-kejl jissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

- Il-valuri indikati għall-*E. coli*, il-*Legionella* spp u n-Nematodi intestinali jinsabu fid-90 % jew aktar tal-kampjuni. L-ebda mill-valuri tal-kampjuni ma jista' jaqbeż il-limitu ta' devjazzjoni massimu ta' unità logaritmika waħda mill-valur indikat għall-*E. coli* u l-*Legionella* u 100 % tal-valur indikat għan-nematodi intestinali.
- Il-valuri indikati għall-BOD₅, it-TSS u t-turbidità fil-Klassi A jinsabu fid-90 % jew aktar tal-kampjuni. L-ebda mill-valuri tal-kampjuni ma jista' jaqbeż il-limitu ta' devjazzjoni massimu ta' 100 % tal-valur indikat.

²⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

b) Rekwiżiti minimi għall-monitoraġġ

L-operaturi tal-impjanti tar-reklamazzjoni għandhom iwettqu monitoraġġ tar-rutina biex jivverifikaw li l-ilma reklammat ikun konformi mar-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma stabbiliti fil-punt (a). Il-monitoraġġ tar-rutina għandu jiġi inkluż fil-proċeduri ta' verifika tas-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma.

Tabella 3 Frekwenzi minimi għall-monitoraġġ tar-rutina tal-ilma reklammat għat-tisqija agrikola

Frekwenzi tal-monitoraġġ minimi							
Klassi tal-kwalità tal-ilma reklammat	<i>E. coli</i>	BOD ₅	TSS	Turbidità	<i>Legionella</i> spp. (meta applikabbli)	Nematodi intestinali (meta applikabbli)	
A	Darba fil-ġimgħa	Darba fil-ġimgħa	Darba fil-ġimgħa	Kontinwament	[...] Darbtejn fix-xahar	Darbtejn fix-xahar jew frekwenza determinata mill-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni skont in-numru ta' bajd fl-ilma mormi li jidħlu fl-impjant tar-reklamazzjoni	
B	Darba fil-ġimgħa	Skont id-Direttiva 91/271/KEE ((Anness I, Taqsima D)	Skont id-Direttiva 91/271/KEE (Anness I, Taqsima D)	-			
C	Darbtejn fix-xahar			-			
D	Darbtejn fix-xahar			-			

Il-monitoraġġ tal-validazzjoni għandu jitwettaq qabel ma jibda' jopera [...] impjant tar-reklamazzjoni **ġdid**, meta t-tagħmir jiġi aġġornat, u meta jiżdiedu tagħmir jew proċessi ġodda.

Impjanti tar-reklamazzjoni li diġà qegħdin joperaw u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-ilma reklamati stabbiliti fit-tabella 2 tal-Anness I fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu eżentati mill-obbligi ta' monitoraġġ tal-validazzjoni.

Il-monitoraġġ tal-validazzjoni għandu jsir għall-iktar klassi stretta tal-kwalità tal-ilma reklamati, il-Klassi A, sabiex jiġi vvalutat jekk hux qed ikun hemm konformità mal-miri ta' prestazzjoni (tnaqqis ta' $\log_{10}$). Il-monitoraġġ tal-valutazzjoni jinkludi l-monitoraġġ tal-mikroorganiżmi indikaturi assoċjati ma kull grupp ta' patoġeni (batterji, virus u protozoa). Il-mikroorganiżmi indikaturi magħżula huma l-*E. coli* għall-batterji patoġeniċi, il-kolifaġi F-speċifiċi, il-kolifaġi somatiċi jew il-kolifaġi għall-virusi patoġeniċi, u l-ispori ta' *Clostridium perfringens* jew il-batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori għall-protozoa. Il-miri ta' prestazzjoni (tnaqqis ta' $\log_{10}$) għall-monitoraġġ tal-validazzjoni għall-mikroorganiżmi indikaturi magħżula huma stabbiliti fit-Tabella 4 u għandhom jintlaħqu [...] fil-punt ta' konformità[...], filwaqt li jitqiesu l-konċentrazzjonijiet tal-effluwent tal-ilma mormi mhux ipproċessat li jidħlu fl-impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi. **Mill-inqas 90 % tal-kampjuni ta' validazzjoni għandhom jilhqqu jew jaqbżu l-mira ta' prestazzjoni.**

Jekk indikatur bijoloġiku ma jkunx preżenti fi kwantitajiet suffiċjenti fl-effluwent tal-ilma mormi mhux ipproċessat biex jinkiseb it-tnaqqis ta' $\log_{10}$, in-nuqqas ta' tali indikatur bijoloġiku fl-ilma reklamati għandu jfisser li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' validazzjoni. Il-konformità mal-mira ta' prestazzjoni tista' tiġi stabbilita b'kontroll analitiku, biż-żieda tal-prestazzjoni mogħtija lil stadji individwali tat-trattament abbażi ta' evidenza xjentifika għal proċessi standard stabbiliti sew, bħal data ppubblikata tar-rapporti tal-ittestjar, studji ta' każijiet, eċċ., jew ittestjati fil-laboratorju taħt kundizzjonijiet ikkontrollati għal trattament innovattiv.

Tabella 4 Monitoraġġ tal-validazzjoni tal-ilma reklamati għat-tisqija agrikola

Klassi tal-kwalità tal-ilma reklamati	Mikroorganiżmi indikaturi (*)	Miri ta' prestazzjoni għall-katina ta' trattament (tnaqqis ta' log ₁₀)
A	<i>E. coli</i>	≥ 5.0
	Kolifaġi totali/ kolifaġi F-speċifiċi/kolifaġi somatiċi/kolifaġi(**)	≥ 6.0
	Spori ta' <i>Clostridium perfringens</i> / batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori(***)	≥ 4.0 (fil-każ ta' spori ta' <i>Clostridium perfringens</i>) ≥ 5.0 (fil-każ ta' batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori)

(*) Għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-validazzjoni, jistgħu jintużaw ukoll il-patoġeni ta' referenza *Campylobacter*, Rotavirus u *Cryptosporidium* minflok il-mikroorganiżmi indikaturi proposti. Għalhekk, jenħtieġ li japplikaw il-miri ta' prestazzjoni bi tnaqqis ta' log₁₀ li ġejjin: *Campylobacter* (≥ 5.0), Rotavirus (≥ 6.0) u *Cryptosporidium* (≥ 5.0).

(**) It-total ta' kolifaġi ntagħżel bħala l-iktar indikatur virali xieraq. Madankollu, jekk l-analiżi tat-total ta' kolifaġi mhijiex fattibbli, irid jiġi analizzat mill-inqas wieħed minnhom (kolifaġi F-speċifiċi jew somatiċi).

(***) L-ispori ta' *Clostridium perfringens* intaġħzlu bħala l-iktar indikatur tal-protozoa xieraq. Madankollu, il-batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori huma alternattiva jekk il-konċentrazzjoni tal-ispori ta' *Clostridium perfringens* ma tippermettix li jiġi vvalidat it-tnaqqis ta' log₁₀ mitlub.

Il-metodi ta' analiżi għall-monitoraġġ għandhom jiġu vvalidati u dokumentati [...] skont EN ISO/IEC-17025 jew standards nazzjonali jew internazzjonali oħra li jiżguraw kwalità ekwivalenti.

ANNEX II

ELEMENTI EWLENIN TA' ĠESTJONI TAR-RISKJU [...]

Il-ġestjoni tar-riskju jenħtieġ li tinkludi l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji b'mod proattiv biex tiżgura li l-ilma reklammat jintuża u jiġi ġestit b'mod sikur u ma jkunx hemm riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent. Għal dan il-għan, Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju għall-Użu mill-Ġdid tal-Ilma huwa stabbilit abbażi tal-elementi li ġejjin:

1. [...] **Id-deskrizzjoni tas-sistema kollha tal-użu mill-ġdid tal-ilma**, mill-ilma mormi li jidhrol fl-impjant tat-trattament tal-ilma urban mormi sal-punt tal-użu, inkluż is-sorsi tal-ilma mormi, l-istadji ta' trattament u t-teknoloġiji fl-impjant tar-reklamazzjoni, l-infrastruttura tal-provvista, **id-distribuzzjoni** u l-ħżin, l-użu maħsub, il-post **u l-perijodu** tal-użu, (**eż. użu temporanju jew ad hoc**), **il-metodi ta' tisqija, it-tip ta' għelejjel, sorsi oħra tal-ilma jekk huwa previst taħlit u l-volumi** [...] ta' ilma reklammat li għandu jiġi pprovdut. [...] .
- 1a. **L-identifikazzjoni tal-partijiet involuti fis-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma u l-identifikazzjoni tar-responsabbiltajiet tagħhom. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet kollha kkonċernati jenħtieġ li jkunu speċifikati u allokat b'mod ċar.**
2. [...] **L-identifikazzjoni tal-perikli potenzjali**, b'mod partikolari l-preżenza ta' inkwinanti u patoġeni, **u l-potenzjal ta' avvenimenti perikolużi**, bħal fallimenti tat-trattament, it-tnixxija aċċidentali jew il-kontaminazzjoni fis-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma deskritta.
3. [...] **L-identifikazzjoni tal-ambjenti u l-popolazzjonijiet [...] f'riskju [...] u r-rotot tal-esponiment għall-perikli potenzjali identifikati**, filwaqt li jitqiesu l-fatturi ambjentali speċifiċi, bħall-idroġeoloġija, it-topoloġija, it-tip ta' ħamrija u l-ekoloġija lokali, u l-fatturi marbuta mat-tipi ta' għelejjel u Prattiki agrikoli u **ta' tisqija**. Iridu jitqiesu wkoll **u jiġu appoġġati b'evidenza xjentifika**, l-effetti negattivi irriversibbli jew fit-tul possibbli għall-operazzjoni tar-reklamazzjoni tal-ilma.

4. [...] Valutazzjoni [...] tar-riskju li tkopri r-riskji ambjentali u r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, filwaqt li jitqiesu n-natura tal-perikli potenzjali identifikati, id-durata tal-użi maħsuba, l-ambjenti u l-popolazzjonijiet [...] identifikati fir-riskju ta' esponiment għal dawk il-perikli u s-severità tal-effetti possibbli tal-perikli **filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' prekawzjoni**, kif ukoll il-leġislazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali rilevanti, id-dokumenti ta' gwida u r-rekwiżiti minimi fir-rigward tas-sikurezza tal-ikel, tal-ġhalf u tal-ħaddiema. [...] . **Il-valutazzjoni tar-riskju tista' tkun ibbażata fuq analiżi tal-istudji xjentifiċi u d-data disponibbli.**

Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tikkonsisti fl-elementi li ġejjin **kif xieraq**:

- a) valutazzjoni tar-**riskji ambjentali**, inkluż dawn kollha li ġejjin:
- i) konferma tan-natura tal-perikli, inkluż il-livell ta' bla effett imbassar, meta rilevanti;
 - ii) valutazzjoni tal-medda ta' esponiment potenzjali;
 - iii) karatterizzazzjoni tar-riskju.
- b) valutazzjoni tar-**riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali**, inkluż dawn kollha li ġejjin:
- i) konferma tan-natura tal-perikli, inkluż ir-relazzjoni bejn id-doża u r-reazzjoni, meta rilevanti;
 - ii) valutazzjoni tal-firxa tad-doża jew tal-esponiment potenzjali;
 - iii) karatterizzazzjoni tar-riskju.

Il-valutazzjoni tar-riskju tista' titwettaq bl-użu ta' valutazzjoni tar-riskju kwalitattiva jew semikwantitattiva. Valutazzjoni tar-riskju kwantitattiva ser tintuża meta jkun hemm biżżejjed data ta' appoġġ jew fi proġetti li jkollhom potenzjal ta' riskju għoli għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika.

Ir-rekwiżiti u l-obbligi li ġejjin għandhom mill-inqas jitqiesu fil-valutazzjoni tar-riskju:

- a) ir-rekwiżit li jitnaqqas u jiġi evitat it-tniġġis fl-ilma minn nitrati skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE³⁰;
- b) l-obbligu għaż-żoni tal-ilma tax-xorb protetti li jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE³¹;
- c) ir-rekwiżit li jintlaħqu l-oġettivi ambjentali stabbiliti fid-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²;
- d) ir-rekwiżit li jiġi evitat it-tniġġis fl-ilma ta' taħt l-art skont id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³;
- e) ir-rekwiżit li jintlaħqu l-istandards tal-kwalità ambjentali għas-sustanzi prijoritarji u ċerti inkwinanti oħra stabbiliti fid-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴;

³⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1-8).

³¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

³² Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

³³ Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

³⁴ Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

- f) ir-reqwizit li jintlaħqu l-istandards tal-kwalità ambjentali għall-inkwintanti ta' tħassib nazzjonali (jiġifieri l-inkwinanti speċifiċi għall-baċiri idrografiċi) stabbiliti fid-Direttiva 2000/60/KE;
- g) ir-reqwizit li jintlaħqu l-istandards tal-kwalità tal-ilma għall-għawm stabbiliti fid-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵;
- h) ir-reqwiziti dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura skont id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE³⁶;
- i) ir-reqwiziti dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷ u l-gwida mogħtija mill-Avviż tal-Kummissjoni dwar dokument ta' gwida dwar kif għandhom jiġu indirizzati r-riskji mikrobijoloġiċi fil-frott u l-ħaxix frisk fil-produzzjoni primarja permezz ta' iġjene tajba;
- j) ir-reqwiziti għall-iġjene tal-ġhalf stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸.
- k) ir-reqwizit tal-konformità mal-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005³⁹;

³⁵ Id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37).

³⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6).

³⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

³⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-ġhalf (ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1).

³⁹ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L338 22.12.2005, p.1) [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

- l) ir-rekwiżiti fir-rigward tal-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006⁴⁰;
- m) ir-rekwiżiti fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu tal-pestiċidi fl-ikel jew fuq l-ikel stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹;
- n) ir-rekwiżiti rigward tas-saħħa tal-annimali fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 142/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³.

5. **Konsiderazzjoni tar-rekwiżiti għall-kwalità tal-ilma u għall-monitoraġġ li huma addizzjonali għal dawk speċifikati fl-Anness I, u/jew iktar stretti minnhom meta meħtieġ u xieraq biex tiġi żgurata biżżejjed protezzjoni tal-ambjent, [...] tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, [...] b'mod partikolari meta jkun hemm evidenza xjentifika ċara li r-riskji joriġinaw mill-ilma reklamat u mhux minn sorsi oħra.**

⁴⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5)

⁴¹ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1)

⁴² Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1)

⁴³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1)

Skont l-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-punt 4, dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jistgħu jikkonċernaw b'mod partikolari lil:

- a) metalli tqal;
- b) pestiċidi;
- c) prodotti sekondarji ta' diżinfezzjoni;
- d) prodotti mediċinali;
- e) sustanzi oħra ta' tħassib emerġenti;
- f) reżistenza għall-antimikrobiċi.

6. [...] **L-identifikazzjoni ta' miżuri preventivi** li diġà qegħdin fis-seħħ jew li jenħtieġ li jittieħdu biex jiġu limitati r-riskji sabiex ir-riskji identifikati kollha jkunu jistgħu jiġu ġestiti b'mod adegwat. **Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil korpi ta' ilma użati għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u lil żoni ta' salvagwardja rilevanti.**

Dawn il-miżuri preventivi jistgħu jinkludu:

- a) kontroll tal-aċċess;
- b) miżuri addizzjonali ta' diżinfezzjoni jew ta' tneħħija tal-inkwinanti;
- c) teknoloġija tat-tisqija speċifika għall-mitigazzjoni tar-riskju tal-formazzjoni ta' aerosol (eż. tisqija bil-qatra);
- d) **rekwiżiti speċifiċi għat-tisqija bil-friefer (eż. il-veloċità massima tar-riħ, id-distanzi bejn il-friefer u żoni sensittivi);**

- e) **rekwiżiti speċifiċi għal għelieqi agrikoli (eż. inklinazzjoni tal-pendil, saturazzjoni tal-ilma tal-għelieqi, żoni karstiċi);**
- f) appoġġ li joqtol lill-patoġeni qabel il-ħsad;
- g) **l-istabbiliment ta' distanzi minimi ta' sikurezza (eż. mill-ilma tal-wieċċ, inklużi sorsi għall-bhejjem, jew attivitajiet bħall-akkwakultura, it-trobbija tal-ħut, l-akkwakultura tal-frott tal-baħar bil-qoxra, l-għawm u attivitajiet akkwatiċi oħrajn);**
- h) **sinjalar f'siti tat-tisqija, li jindika li qed jintuża ilma reklammat u li mhux tajjeb għax-xorb.**

Il-miżuri preventivi speċifiċi li jistgħu jkunu rilevanti huma stabbiliti fit-Tabella 1.

Tabella 1: Miżuri preventivi speċifiċi

Klassi tal-kwalità tal-ilma reklammat	Miżuri preventivi speċifiċi
A	- Il-ħnieżer ma jridux jiġu esposti għall-għalf imsoqqi bl-ilma reklammat sakemm ma jkunx hemm biżżejjed data li tindika li r-riskji għal dak il-każ speċifiku jistgħu jiġu ġestiti.
B	- Il-projbizzjoni tal-ħsad ta' prodotti mxarrbin imsoqqija jew bil-qatra. - L-esklużjoni mill-bur tal-bhejjem tal-ħalib li jreddgħu sakemm jinxf il-bur. - L-għalf għandu jkun imnixxef jew maħżun f'silos qabel l-imballaġġ. - Il-ħnieżer ma jridux jiġu esposti għall-għalf imsoqqi bl-ilma reklammat sakemm ma jkunx hemm biżżejjed data li tindika li r-riskji għal dak il-każ speċifiku jistgħu jiġu ġestiti.
C	- Il-projbizzjoni tal-ħsad ta' prodotti mxarrbin imsoqqija jew bil-qatra. - L-esklużjoni mill-bur ta' annimali li jirgħu għal ħamest ijiem wara l-aħħar tisqija. - L-għalf għandu jkun imnixxef jew maħżun f'silos qabel l-imballaġġ. - Il-ħnieżer ma jridux jiġu esposti għall-għalf imsoqqi bl-ilma reklammat sakemm ma jkunx hemm biżżejjed data li tindika li r-riskji għal dak il-każ speċifiku jistgħu jiġu ġestiti.
D	- Il-projbizzjoni tal-ħsad ta' prodotti mxarrbin imsoqqija jew bil-qatra.

7. [...] **Sistemi u proċeduri ta' kontroll tal-kwalità adegwati** [...] , inkluż il-monitoraġġ tal-ilma reklamati għall-parametri rilevanti, u [...] programmi ta' manutenzjoni adegwati [...] għat-tagħmir.

Huwa rakkomandat li l-operatur tal-impjant tar-reklamazzjoni jistabbilixxi u jżomm sistema ta' ġestjoni tal-kwalità skont ISO 9001 jew l-ekwivalenti tiegħu.

8. [...] **Sistemi ta' monitoraġġ ambjentali** [...] biex ikun żgurat li jingħata r-rispons mill-monitoraġġ u li l-proċessi u l-proċeduri kollha jiġu validati u dokumentati kif xieraq.

[...]

9. [...] **Sistema xierqa** [...] **għall-ġestjoni ta' inċidenti u emerġenzi**, inkluż proċeduri biex jiġu infurmati **b'mod xieraq** il-partijiet rilevanti kollha [...] **dwar** tali avveniment, u [...] aġġornament [...] regolari [...] **tal-pjan ta' reazzjoni għal emerġenza**.

L-Istati Membri jistgħu jużaw linji gwida jew standards internazzjonali eżistenti bħal-Linji gwida ISO 20426:2018 għall-valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa u l-ġestjoni għall-użu mill-ġdid tal-ilma mhux tajjeb għax-xorb, il-Linji gwida ISO 16075:2015 għall-użu tal-ilma mormi għal proġetti ta' tisqija jew standards ekwivalenti oħra aċċettati fil-livell internazzjonali jew il-linji gwida tad-WHO⁴⁴ bħala strumenti għall-identifikazzjoni sistematika ta' perikli, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, abbażi ta' approċċ ta' prijorità applikat għall-katina kollha (mit-trattament tal-ilma urban mormi għall-użu mill-ġdid, għad-distribuzzjoni u l-utilizzazzjoni għat-tisqija agrikola, għall-kontroll tal-effetti) u l-valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit.

⁴⁴ https://www.who.int/water_sanitation_health/publications/gsuweg2/en/;
https://www.who.int/water_sanitation_health/publications/ssp-manual/en/